**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Walter Spiteri)**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs**

**Srdan Simic**

**Kumpilazzjoni 166/2017**

**Illum 19 ta' Novembru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Srdan Simic** detentur tal-passaport Serb bin-numru 012561226 billi huwa akkuzat talli fit-2 t'April 2017, ghall-habta tas-siegha u ghaxar minuti (01:10) f'San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghad il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Ryan Magro detentur tal-karta tal-identitá numru 463588(M), skont kif iccertifika t-

tabib David Agius MD (Med. Reg. 3789), tal-isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikoli 214 u 218 tal-kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra li tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 180*) datata 6 t' Ottubru 2017 li permezz taghha baghat lill-imput Srdan Simic biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. L-Artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. L-Artikoli 383, 384, 385, 386 u 412 C tal-Kap 9 tal Ligijiet ta' Malta;
3. L-Artikoli 17, 31, 532A, 532A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Novembru 2017 (a fol. 190), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-3 ta' Novembru 2017 (a fol. 180), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni orali mill-Parte Civile u d-Difiza.

**IL-FATTI TAL-KAZ**

Il-kaz imur lura ghal-lejl bejn l-1 u t-2 ta' April 2017 fil-Munchies Bar f'San Pawl il-Bahar meta l-imputat ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Ryan Magro. Magro minhabba l-griehi li garrab f'ghajnejh kien operat fl-Isptar Mater Dei.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tmintax (18) -il xhud kif gej:

Marko Stankovic (*a fol* 16 et. seq.); Ryan Magro (*a fol* 55 et. seq.); David Busuttil (*a fol* 61 et. seq.); Olaf Cassar (*a fol* 64 et. seq.); Dr. David Agius (*a fol* 72 et. seq.); Dr. Owen Mifsud (*a fol* 76 et. seq.); Dr. Abigail Bugeja (*a fol* 79 et. seq.); Spettur Maurice Curmi (*a fol* 109 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 118 et. seq.); Dr.Abigail Bugeja (*a fol* 157 et. seq.); Dr. Francis Carbonaro (*a fol* 159 et. seq.); WPS 264 Gabrina Gatt (*a fol* 182 et. seq.); PS 343 Glenn Carabott (*a fol* 191 et. seq.); Ryan Magro (*a fol* 202 et. seq.); Marko Stankovic (*a fol* 206 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 209 et. seq.); Srdan Simic (*a fol* 234 et. seq.); Milovan Simic (*a fol* 239 et. seq.).

L-**Ispettur Maurice Curmi**[1] spjega li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghall-habta tas-saghtejn (2:00) ta' filghodu l-pulizija stazzjoant l-isptar Mater Dei kien informa lill-Pulizija tal-Qawra li kien ghadu kemm dahal persuna l-Emergenza permezz ta' ambulanza b'ferita serja f'ghajnu f'incident li sehh fil-Munchie Bar ta' Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar. Il-pulizija marru fuq l-isptar u sabu li l-vittma kien certu Ryan Magro li kien qed jigi medikat minhabba *severe eye injury* li kien sofra. Mill-investigazzjonijiet preliminari rrizultaw li Ryan Magro kien fil-Munchie Bar jahdem bhala *barman* u ghal xi raguni kien hemm *disturbance*, fejn xi Serbi ntalbu biex johorgu u hekk kif kienu hergin wiehed minn dawn l-allegat agressuri kellu l-mug tal-birra f'idejh u faqghu f'wicc Magro bil-konsegwenza illi garrab griehi gravi f'ghajnu. Hu kien gie ezaminat mit-tabib David Agius li ccertifikah li kien qieghed isofri minn griehi serji, gravi f' ghajnejh. Meta arrestaw lill-imputat dan kien irrilaxxja stqarrija u minkejja ma qalx li ma kienx hu pero' jaf li f' dak il-lejl kien gara xi ncident pero' ezattament qed jghid li ma jiftakarx x'gara ezatt jaf biss li kien involtu f' incident fit-tali bar, fil-Munchies.

Sid il-bar **David Busuttil**[2] spjega li dan kien *unprovoked attack*, jigifieri dawn is-Serbi, wiehed minnhom ghall-inqas kienu qed idejjaq xi klijenti ohra fil-bar u ghalhekk talbuh biex johrog u hekk kif kien hiereg siehbu ghamel dak li ghamel. Fis-CCTV li kellu fil-bar l-incident ma deherx imma minnu hargu speci ta' ritratt ta' dawn iz-zewg agressuri.

[1] *a fol* 109 et. seq.
[2] *a fol* 61 et. seq.

Ix-xhud **Ryan Magro**[3] parte leza xehed li:

*Bejn l-ewwel (1) ta' April u t-tieni (2) ta' April qisu ghan-nofs siegha (12:30). Kont qieghed ix-xoghol jiena.*

*Pros: Ix-xoghol fejn jekk joghgbok?*

*Xhud: Munchies, Bugibba, barman meta gew xi klijenti u qaluli habib ta' l- akkuzat qieghed idejjaqhom u ma ghamilna xejn ahna nsomma. Qdejt lin-nies u hrigt barra u ghidt lill-istepfather tieghi, ma ppuntajtx jiena jew hekk jigifieri, pero' l-iehor kien qieghed ghassa ghalija x' kont se naghmel. U fil-pront hareg ghalija nsomma u qalli : You are stupid u ghalaqt il-bieb jiena u l-istepfather qallu : Come tomorrow, but tonight go and sleep.*

*Pros: Min kien li qallek hekk?*

*Xhud: Kien il-klient, kien klient iehor u beda jaqbad maghhom nahseb jien.*

*Pros: Jigifieri dan il-klient kien mas-sinjur, ma l-imputat?*

*Xhud: Ehe 'l iehor.*

*Pros: Mhux dan jigifieri?*

*Xhud: Le. U hareg barra ghalina nsomma u l-istepfather qallu biex jitlaq u jigi l-ghada, speci bil-kelma t-tajba.*

*Qorti: Min hu dan?*

*Xhud: David Busuttil.*

*Qorti: Mela David Busuttil qallu johrog il-barra u jigi l-ghada.*

[3] L-Erbgha 19 ta' April, 2017

*Xhud:* *Ezatt, bil-kelma t-tajba.*

*Qorti:* *Lil min qal hekk?*

*Xhud:* *Lil sieheb l-akkuzat.*

*Pros:* *Spjega daqsxjen jekk joghgbok l-istepfather x'kien qed jaghmel fil- hanut?*

*Xhud:* *L-owner, l-istepfather huwa l-owner.*

*Pros:* *Inti semmejt li xi hadd minnhom qallek stupid, imma ghalxiex, inti ndirizzajt lil xi hadd minnhom?*

*Xhud:* *Le, le, le, ghalxejn.*

*Pros:* *Inti kellek complaint li xi hadd minnhom qed idejqu xi klienti ohra, inti sadanittant kont ghadek ma kellimt lil hadd?*

*Xhud:* *Le lanqas ippuntajt xejn jiena.*

*Pros:* *Jigifieri gie fuqhek u qallek stupid minghar ma kellimtu dan jigifieri?*

*Xhud:* *Ghax induna li speci jiena ghidt lill-istepfather tieghi ghidtlu: Nahseb dawn . . .*

*Pros:* *Ok.*

*Xhud:* *Imma ma ppuntajtx jiena jew hekk, kien ghassa tieghi u kien ha jitlaq bil-kelma t-tajba, meta fil-pront infetah il-bieb rega u hareg l-akkuzat kwiet, kwiet u faqali t-tazza go wicci hu, ghalxejn b' xejn jigifieri lanqas kellimtu jiena jew xejn.*

*Qorti:* *Inti qed tarah fl-Awla lil din il-persuna, l-akkuzat fejn hija?*

*Xhud:* *Hemmhekk.*

*Qorti:* *Ix-xhud qed jindaka lill-imputat prezenti fl-Awla. Iva jigifieri rega nfetah il-bieb?*

*Xhud:* *Uzgur u hareg bil-kwiet, jien ersaqt lura biex jghaddi hu u faqali t- tazza go wicci.*

*Qorti:* *Tista tispjegalna kif gara dan l-incident, jigifieri rajtu jgholli jdejh?*

*Xhud:* *Le ma rajtx.*

*Qorti:* *Xejn, jigifieri inti hassejt . . .*

*Xhud:* *Jien ghid ha johrog wara siehbu hu bil-kwiet.*

*Pros:* *Jigifieri t-tnejn (2) kienu qeghdin gewwa dawn hux hekk u t-tnejn (2) hergin flimkien?*

*Xhud:* *Le l-iehor l-ewwel hareg imbaghad hareg dan warajh.*

*Pros:* *Ok, issa dan x' kellu f' idejh, biex tahielek, x' tazza kellu?*

*Xhud:* *Tazza tal-pinta u tahieli mhux waddabieli, faqahhieli go wicci.*

*Qorti:* *Ix-xhud qed jindika kif tah id-daqqa.*

*Xhud:* *Fil-fatt jien ma lqajt xejn.*

*Pros:* *Imbaghad x' gara minn dak il-hin?*

*Xhud:* *Imbaghad mill-ewwel ma bdejtx nara, hafna u hafna demm, ghandi r- ritratti hawnhekk u meta morna l-isptar sabuli bicca hgiega daqshekk right through go ghajnejja.*

*Pros:* *Issa sa llum x'diognosi qalulek it-tobba?*

*Xhud:* *L-ghada kellhom jaghmluli operazzjoni b'emergenza.*

*Qorti:* *Dawn ir-ritratti min hadhom?*

*Xhud:* *Il-mara nahseb dak il-hin.*

*Qorti:* *U an ir-ritratt?*

*Xhud:* *Dak it-tabib, dak CT Scan. U issa bhalissa ma nista naghmel xejn ghax ghadha qed tifforma ghajnejja, ghax bhalissa mhix ghal vista qieghda bies isalvawli ghajnejja bhala shape u issa aktarx ha jkolli naghmel operazzjonijiet l-Ingliterra u hekk, hafna affarijiet gejjin.*

*Qorti:* *Kemm domt l-isptar?*

*Xhud:* *Domt xi sitt (6) ijiem imbaghad bdew jibzghu li niehu infection mill- isptar stess u hekk u baghtuni d-dar. Imma ovjament mhux qed nahdem jew hekk.*

*P. Civile:* *Din il-persuan kont rajtha qabel, kont tafha qabel?*

*Xhud:* *Le, le, le.*

*P. Civile:* *Ma kontx tafha, kellek xi argument mighu?*

*Xhud:* *Qatt, anqas qatt ma tkellimna.*

*Qorti:* *Jigifieri dak inhar rajtu l-ewwel darba lil dan?*

*Xhud:* *Iva.*

*P. Civile:* *Ehe inti ghidt li kien habib ta' l-iehor li keccejtu l-barra.*

*Qorti:* *Inti qieghed tassumi li habib tieghu.*

*P. Civile:* *Wara sirt taf jew qabel?*

*Xhud:* *Le flimkien kienu ifhimni.*

*P. Civile:* *Kont taf li kienuf limkien ghax rajthom qabel.*

*Xhud:* *Le dakinhar.*

*P. Civile:* *Ehe qabel l-incident.*

*Xhud:* *Ezatt, ezatt.*

*P. Civile:* *U qed taghrfu lilu?*

*Xhud:* *Iva.*

Waqt il-kontro-ezami[4] **Ryan Magro** wiegeb:

*Difiza:* *Sur Magro Jiena kull ma qed nitolbok huma dawn l-affarijiet, ghadek kemm ghidt f' din l-Awla li s-sur Simic kien wahdu.*

*Xhud:* *Le mhux wahdu, issa wahdu kien, l- iehor kien telaq, issa se jerga jigi l- iehor.*

*Difiza:* *Dakinhar ta' l-incidet?*

*Xhud:* *Kienu qeghdin tnejn sewwa, wiehed telaq bhal ma ghednielu biex jitlaq u l- iehor iddecieda li qabel ma jitlaq jifqali tazza go wicci sewwa.*

*Difiza:* *Issa pass pass u bil-kalma. L- incident beda ghaliex kien is-sinjur l- iehor li holoq xi nkonvenjent?*

*Xhud:* *Ehe beda jaqbad il-partijiet tan-nisa gol-hanut.*

*Difiza:* *Ma kienx is-sur Simic li qed johloq il-problema, is-sur Simic lanqas kien qieghed mieghu ezatt dak il- hin.*

*Xhud:* *Ehe kienu flimkien ukoll hu, kollha flimkien.*

*Difiza:* *Tiftakar jekk is-sinjur l- iehor f' xi mument qabel ma tlabtuh jitlaq mill- istabiliment kienx fil-fatt rieqed fuq il- banketta tieghu?*

[4] L-Erbgha 17 ta' Jannar, 2018

*Xhud:* *Le, zgur li le.*

*Difiza:* *Min mar fuq is-sinjur l-iehor biex ikeccih?*

*Xhud:* *Hadd, jiena mort fuq missieri u ghidtlu : Hawn dawn qed jitqazzu u hareg ghalija u qalli : Don't be fucking stupid, insomma u ghidtlu : Go and come tomorrow.*

*Difiza:* *Bil-mod ghax nitlef is-sekwenza. Mela inti mort . . .*

*Xhud:* *Hu gie fuqi.*

*Difiza:* *Min?*

*Xhud:* *Hu.*

*Difiza:* *Le, le inti ghadek kemm ghidtilna mort kellimt lil xi hadd.*

*Xhud:* *Lil missieri.*

*Difiza:* *Lil- missierek biex tghilu li hawn xi hadd . . .*

*Xhud:* *Ehe u rani ovvjament ghax ikun hemm in-nies u bdew jigu jghiduli dan qed jitqqazzez.*

*Difiza:* *Ghal min qed tghid meta tghid dan?*

*Xhud:* *Ghall-iehor.*

*Difiza:* *Ghal persuna l-ohra mhux ghal Srdan Simic l-imputat naqblu?*

*Xhud:* *Ehe.*

*Difiza:* *Ok. U wara li inti nfurmajt lil missierek, missierek x' ghamel please?*

*Xhud:* *Missieri baqa' hemmhekk u dan hareg ghalija qed tifhem.*

*Difiza:* *L-iehor dejjem.*

*Xhud:* *Ehe u qalli : Don't be fucking stupid. Ghidtlu : Go home and come tomorrow. Huwa kien ha jitlaq u hareg l-iehor faqali tazza go wicci ghalxejn.*

*Difiza:* *L-iehor kien telaq minn jeddu?*

*Xhud:* *Ija kien ha jaqbad jinzel it-tarag ehe.*

*Difiza:* *Jew kien qed jigi akkompanjat biex johrog mill- istabiliment?*

*Xhud:* *Le, le, le.*

*Difiza:* *Int qed tghid li hareg wahdu minn hemm?*

*Xhud:* *Ehe kien ha jaqbad jitlaq hu., ahna ma tajniex daqqa wahda jekk qed issaqsini dik il-mistoqsija, qed tifhem.*

*Difiza:* *Int qed tghid mela dan beda johloq inkonvenjament, mort tinforma lil missierek, nahseb li ttiehdet id-decizjoni li dan jitkecca mil-istabiliment qed nghid sewwa?*

*Xhud:* *Dazur mhux hekk.*

*Difiza:* *Mela tkecca mill-post?*

*Xhud:* *Ghednielu biex johrog hu.*

*Difiza:* *U . . . ghadu kemm qallek : Don't be fucking stupid.*

*Xhud:* *Ehe.*

*Difiza:* *Jigifieri gie biex jikkonfrontak?*

*Xhud:* *Dazgur mhux hekk. Ghidltu : Go home u come tomorrow jiena, ghax jiena biex naqla lira qieghed hemmhekk mhux biex naqla l-kazijiet.*

*Difiza:* *Iva sur Magro naqblu fuqha dik, pero' dan qed jikkonfrontak pero' xorta obda l- istruzzjonjijiet tieghek qed tghid?*

*Xhud:* *X'inhu?*

*Difiza:* *Qed jikkonfrontak billi jghidlek don't be fucking stupid, imbaghad ghidtlu itlaq l-hemm?*

*Xhud;* *U mhux hekk.*

*Difiza:* *U telaq?*

*Xhud:* *Ehe u l-iehor kien hiereg ukoll u ftahtlu l-bieb biex johrog u jien tbissimtlu anzi ghal ma kellux x' jaqsam u tani daqqa ta' tazza go wicci.*

*Difiza:* *Safrattant sa ma gara l-incident tad-daqqa ta' tazza Srdan Simic. . .*

*Xhud:* *Baqa' jaghtini go kantuniera.*

*Difiza:* *Qabel ma gara l-incident ta' mal-bieb Srdan Simic ma kellekx problema bih?*

*Xhud:* *Le, le..*

*Difiza:* *Ha naqbez issa ghal xi haga kompletament differenti, dwaqr il-griehi li sofrejt. Inti ghidtilna ovjament qlajt daqqa ta' tazza, nafu li dhlitlek xi bicca hgiega go ghajnejk.*

*Xhud:* *Mhux bicca hafna hgieg go ghajnejja, jien ghadni bil- hgieg go ghajnejja, meta naghmel hekk jinzel il-hgieg go ghajnejja, ghandi hajti kollha jiena hekk.*

L-**imputat Srdan Simic**[5] xehed:

> *Jiena kont fl-istabbiliment, fejn il-post kien jikkonsisti f'zewgt ikmamar u jien kont fil-kamra l-ohra, jien kont qed inkellem xi tfajliet u mort ghall-birra tieghi u x'hin wasalt smajt lil Marco, habib tieghi, jghidli fejn kont, kienu qed jaghtuni xebgha. F'dak il-mument partikolari hadd ma avvicinani u qalli biex nitlaq mill-post. Ghax jiena kjarament kont fil-kamra l-ohra qabel dan l-incident u ma kontx ma' Marco.*
>
> ***Difiza:*** *Meta qieghed jghid Marco, qieghed jirreferi ghal Marco Stankovic ?*
>
> ***Interpretu:*** *Iva. Jiena rajt gemgha ta' nies kbira jmorru wara Marco u jiena rajt ukoll il-persuna li jidher li hija l-missier tar-rispett tal-vittma jilhaq u jzommu mill-flokk u jitfghu 'l barra. F'dak il-mument partikolari in-nies kollha li kienu fil-bar marru ghal Marco, huma attakkawh.*
>
> ***Difiza****: Meta qieghed tghid in-nies kollha, kienu f'xi numru partikolari li huwa jiftakar ?*
>
> ***Interpretu****: Jiena nghid madwar ghaxar (10) persuni.*
>
> ***Difiza****: X'kienu qed jaghmlu ezattament ?*
>
> ***Interpretu****: Kienu qed jghajtu u jattakkaw imma jien kull ma rajt hu lill-missier tar-rispett, il-missier tar-rispett ta' Ryan izommu mill-flokk.*
>
> ***Difiza****: Ghandek idea x'wassal ghal dan l-incident ?*

---

[5] *a fol* 234 et. seq.

**Interpretu**: *Jien nissuspetta li Marco dejjaq xi nisa, dan sirt nafu fi stadju aktar tard.*

**Difiza**: *Dan sirt tafu wara.*

**Difiza**: *U kemm kontu f'din il-kamra, kontu int u Marco biss ?*

**Interpretu**: *Fil-kamra li jien kont fiha kien hemm zewg (2) nisa u forsi zewg (2) irgiel.*

**Difiza**: *Ma' min kont f'dak il-lejl ?*

**Interpretu**: *Ghalkemm wasalt fil-bar ma' Marco, f'dik il-lejla jiena qaghadt mal-grupp l-iehor fil-kamra l-ohra.*

**Difiza**: *Kont x'imkien iehor aktar qabel f'dak il-lejl ?*

**Interpretu**: *Le, dak kien l-ewwel bar.*

**Difiza**: *L-ewwel bar li huwa zar ?*

**Interpretu**: *Iva.*

**Difiza**: *Hu u Marco dahlu flimkien f'dak il-bar ?*

**Interpretu**: *Iva, hekk ghamilna.*

**Difiza**: *Issa inti kont qieghed tghidilna fuq din is-sitwazzjoni fejn siehbek kien mitfugh 'l barra, kif zviluppat din is-sitwazzjoni . . . .*

**Interpretu**: *Jien ersaqt lejn il-hrug u waqqajt it-tazza u qbadt tazza u waddabta lejn l-ewwel persuna li rajt, jien agixxejt fuq impuls.*

**Difiza**: *Ghalfejn ghamel hekk ?*

**Interpretu**: *Jien kont imbezzgha, agizzejt fuq impuls, kont inkwetat ghax fil-kamra kien hemm l-ghajjat, kien hemm hafna*

*kommossjoni u jiena ridt biss nghin lill-habib tieghi. Li kieku ridt niggieled aktar, jien kont nibqa' hemm u niggieled fl-idejn imma jien ridt biss nitlaq mill-post, qbadt lil Marco minn idejh u gbidtu 'l barra mill-bar.*

***Difiza**: U x'ghamiltu wara ?*

***Interpretu**: Imbaghad tlaqna minn hemm.*

***Difiza**: Tajjeb, u fil-mument meta hu qal li qabad it-tazza u tefaghha fuq impuls lejn l-ewwel persuna, induna lil min kien ser jolqot bit-tazza ?*

***Interpretu**: Jien kont fis-sakra dak il-hin u ma kontx naf x'jien naghmel. Kont verament imbezzgha u ridt biss nitlaq minn hemm, nigri 'l barra minn hemm. Qatt ma mmaginajt li nweggha lil xi hadd.*

***Difiza**: Kif stajt ma timmaginax hekk, jekk twaddab tazza lejn xi hadd ?*

***Interpretu**: Taghmel hafna affarijiet stupidi meta tkun fis-sakra.*

***Difiza**: Issa, konxju bil-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu ?*

***Interpretu**: Iva konxju u jiena veru, veru jiddispjacini fuq dan kollhu. U jiena nkun ferhan u kuntent jekk huwa jista' jahfirli.*

***Difiza**: Issa, wara li tlaqt mill-post f'dak il-lejl, fejn mort ?*

*Interpretu: Jiena mort dritt id-dar.*

***Difiza**: Wahdek ?*

***Interpretu**: Iva.*

***Difiza***: *Qabel ma dhalt fil-post in kwistjoni, fejn iltqajtu int u Marco ?*

***Interpretu***: *Ahna nghixu fl-istess post flimkien.*

***Difiza***: *Allura kontu flimkien matul il-lejl kollhu ?*

***Interpretu***: *Iva, konna biss fi kmamar separati.*

***Difiza***: *Wara l-incident, Marco spjegalek lilek x'kien gara ?*

***Interpretu***: *Ahna tlaqna nigru flimkien mill-bar, imma Marco ma rritornax lura d-dar qabel l-ghada filghodu u ma jiftakarx x'gara f'dik il-lejla.*

***Difiza***: *Ma ftakarx x'wassal dak l-incident.*

***Interpretu***: *Le, xejn. Hu qal li seta' jiftakar xi xeni, flashbacks tal-lejl imma ma kienx jaf x'kien qieghed jigri. U jien veru jiddispjacini li kkawzajt dan l-incident minghajr ebda raguni.*

***Difiza***: *Imma ghalfejn hu qieghed jahseb li ghal ebda raguni issa?*

***Interpretu***: *Marco iddizappuntati bhala habib, ma kienx gust mieghi. Huwa talab l-ghajnuna tieghi u qatt ma gie jarani l-habs u hallini wahdi. F'dan il-mument nippreferi li ghamilt lili nnifsi minflom persuna ohra ghax jiena minix dak it-tip ta' persuna. Tista' tistaqsi wkoll lill-gwardjan tal-habs ghax jien minix persuna ta' dan l-incident u jien qatt ma kont il-habs qabel. Dan huwa l-ewwel incident ta' din ix-xorta u jiena verament qieghed nitlob mahfra. Jiena verament minix it-tip ta' persuna li nidher li jien, jiena verament napprezza jekk jiena ninghata mahfra ghal dann u specjalment il-familja tal-vittma u l-vittma tieghi ovvjament, jekk jistax jahfirli.*

***Difiza:*** *Issa huwa ilu jinzamm minn Aptil tal-elfejn u sbatax (2017) allura bazikament hmsitax (15), sittax (16) –il xahar.*

***Interpretu**:* *Sewwa sew mit-tmienja (8) t' April.*

***Difiza**:* *Kif ghamel uzu minn dan iz-zmien ?*

***Interpretu**:* *Jien nahdem fil-kcina, jiena naghmel ukoll figurini tal-poppy, jien nimmanifatturhom u jien nistrudja wkoll it-Taljan u l-ingliz u jien qatt ma kellhu rapport wiehed minn xi gwardjan jew xi hadd iehor, staff. Kull gwardjan fil-habs jafuni bhala kwiet u bniedem pacifiku.*

***Difiza**:* *Jirrizulta wkoll wara li l-plegg tieghek kien revokat, inti qatt m'ergajt tlabt ghall-pless minn Awissu, hemm xi raguni ghal dan ?*

***Interpretu**:* *Ghax jiena irrid naghmel il-hin tieghi gustament u mbaghad wara nigi mehlus u mmur id-dar.*

***Difiza**:* *Ghandek xi haga ohra xi zzid ?*

***Interpretu**:* *Ghal darba ohra, nahseb ghall-maggorparti u dan ghandu jkun mahfur mill-familja tal-vittma u jien nixtieq naghmel apologija anke lill-Qorti u lill-pajjiz, il-pajjiz ta' Malta ghal dan l-att. Issa, jien nixtieq noffri l-apologija personali tieghi anke lill-familja jekk jaccetawha.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZA**

**Ferita ta' Natura Gravi**

Illi ghandu jinghad li sabiex jissussisti ir-reat ta' l-offiza volontarja hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fin-Noti tieghu fejn ighid:

> *"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible"*;

Izda imbaghad izid hekk:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo".*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

> "Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *"Manuale di Diritto Penale"* (Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79: *"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo*

*di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravisima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo".*

Illi fid-decizjoni **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa**, imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti kkonkludiet:

"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioé li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta'

> offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok".

Illi, kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta' l-offiza gravi jew gravissima l-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Meta wiehed jikkonsulta in-Noti tal-Professur Mamo, pagna 227-'Notes on Criminal Law (Laws II Year)' jghid is-segwenti dwar feriti fuq il-persuna;

> *"… Our Code (Section 229) distinguishes bodily harm into grievous and slight. But, we shall sec, grievous bodily harm into harms of various degrees of gravity, though not called by any different names …"*

Huwa interessanti ghal dan il-kaz il-mod kif il-Profs. Mamo jirreferi ghal Kodici ohra *cioe'* dawk barranin fejn jispjega l-livelli varji ta' feriti fuq il-

persuna, inezistenti fil-ligi Maltija, liema feriti jistghu ikunu; ***'gravissime', 'gravi',' lievi,'*** **u** ***'lievissime'.***

Minn hawn irridu nimxu biex dan l-istat ta' fatt jigi ppruvat jekk hux fuq livell ta' **'ferita hafifa, gravi jew gravissima'.**

Fl-istess noti il-Profs. Mamo jirreferi ghal dak li kien jghid l-Artikolu 230 (a) tal-Ligijiet ta' Malta;

> *(ii) "any permanent debility of the health or permanent functional debility of any organ of the body; or*
>
> *(iii) any permanent defect in any part of the physical structure of the body; or…"*

F'pagna 228 Mamo ikompli jghid:

> *'Where the person injured shall have recovered without even having been, during his illness, in actual danger of loss of life could have rise to such danger only when the danger* ***was probable in view of the nature consequence of the harm.***
>
> *If instead of the more possibility of the danger above described, the bodily harm actually causes any permanent functional debility of the health or any permanent functional debility of any organ of the body,* ***or any permanent defect in any part of the physical structure of the body,*** *or permanent mental infirmity****- then the grievous bodily harm is considered as aggravated and punished much more severely.*** ***Such debility, defect or mental infirmity shall be deemed to be permanent even when it is only probably so****. (Section 232)*

Huwa aktar interessanti x'jghid il-Profs. Mamo b'referenza ghal dan il-kaz, meta jghid; ***'Such debility, defect or mental infirmity shall be deemed to be permanent even when it is only probably so**.'*

**Ritratti tal-vittma hi prova importanti li turi l-gravita tal-offizi.**

Fis-sentenza Qorti tal-Appell Kriminali mil-S.T.O. Prim Imhallef Vincent Dr Gaetano LL.D. seduta tat-28 ta' Marzu, 2008 - Appell Kriminali Numru. 370/2007 fil-**Pulizija v. Desmond Falzon** jinghad li ***'L-ahjar prova ta' x'effett kellha id-daqqa ta' ponn fuq wicc Montanaro kienet tkun ritratt, wiehed jew aktar, mehud ftit sieghat wara l-incident.'***

L-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem tal-parti leza. Da parte tieghu, il-parti leza Ryan Magro jispjega kif l-imputat tah daqqa f'ghajnejh b'tazza u anke gew esebiti zewg (2) ritratti immarkat bhala Dok RM1 u RM2 *a fol* 59 u *a fol* 60 fil-process.

Da parte tieghu, l-imputat, ammetta dwar l-agir tieghu u wera soghba mill-ewwel ta' dak li kien gara, skuza ruhu mal-vittma u sahansittra gab lil missieru jixhed biex jitlob klemenza ghal dak li wettaq ibnu u jitlob skuza.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> *"Hi zbaljata l-idea, spiss ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiza fuq il- persuna hemm bzonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depozizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew*

*depozizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depozizzjoni ta' xhieda oħra, inkluzi l-parti offiza, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza".*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal- fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal- fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Issa, bhal ma ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija v. Fortunato Sultana** moghtija fil-5 ta' Frar 1998, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-

idejn anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghall-hekk imsejha "offiza gravissima" skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:

> **"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."**

Imbaghad fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Spagnol** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:

> **"Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (*Il-Pulizija v. Emily Zarb*, App. Krim., 15/2/58, Kollez. Deciz. XLII.iv.1245, 1248)."**

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich** deciz fit-2 ta' Settembru 1999:

> **"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('*disfigurement*') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-**

**armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."**

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Mariano sive' Mario Camilleri** deciza fit-8 ta' Frar, 2002 il-Qorti qalet *"Il-fatt li r-rizultat finali kien biss offiza ta' natura hafifa ma jfissirx necessarjament illi ma setax kien hemm l-intenzjoni specifika illi wiehed jikkaguna offiza gravi, jekk kienx hemm jew le t-tali ntenzjoni hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghal gudizzju prudenti ta' min ghandu jiggudika l- fatti f'dan il-kaz il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti billi jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom ( forsi l-aktar importanti) tan-natura ta' l-isturment uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-isturment."*

Ix-xhud it-**<u>tabib David Agius</u>** (a fol. 72 et seq.) spjega li:

*"meta ezaminajt lis-sur Ryan Magro fit-tnejn (2) ta' April fis-sighat bikrin ta' filghodu bejn is-saghtejn (2:00) u t-tlieta (3:00) ta' filghodu sibtlu ammont ta' griehi f'wiccu u f' ghajnejh, kellu vista batuta minn ghajnejh ix-xellugija, dik li nghidulha counting fingers at two (2) meters. Meta nezamina l-wicc sibt numru ta' feriti fil-gilda, whud minnhom kienu pjutost ftit fondi li hittlu jiena stess, kellu ammont ta' feriti fuq imniehru, fuq il-kappell ta' isfel, fuq ic-cheek, fuq ic-chin, fuq in-naha ta' fuq widnejh. Meta mbaghad dhalt iktar fid-dettal biex nezamina l-ghajn ghaliex jiena kont qieghed hemm biex nezamina l-ghajn sibt illi kien hemm griehi pjutost serji fuq l-ghajn, kien hemm demm fuq in-nahha ta' barra ta' l-ghajn, kienet qed toqtor l-ilma l-ghajn u kienet bdiet titlef il-forma taghha. Sinjali li jindikaw li wisq*

*probabli ddahlet xi haga go l-ghajn u l-ghajn qed titlef l- istruttura taghha u qed titlef l-ilma minnha. Biex nikkonferma dan ordnajt CT Scan peress li l-istorja kienet tinvolvi li wisq probabli dahal xi hgieg u kkonfermajt li kien hemm dik li jghidulha etrocular foreign body. Bhala sinjali fl-ghajn kien hemm ferita kulur ta' l-ghajn jghidlu l-eyeris, teknikament insejhulha erido dialisis, kien hemm subconjunctinal hemorrage, li hija emoregija fuq in-nahha ta' barra ta' l-ghajn li tindika li kien hemm xi forma ta' daqqa fuq l-ghajn u kien hemm dik li jghidulha CDL positive test, jigifieri l-ilma kien qed joqtor il-barra mill-ghajn meta ahna naghtu l-kul fuq l-ghajn.*

***P. Civile:*** *U inti dawn il-griehi kif ikklassifikajthom jekk joghgbok?*

***Xhud:*** *Dawn huma griehi gravi.*

L-**<u>espert mahtur mill-Qorti Mr. Francis Carbonaro</u>** (a fol. 159 et seq.) xehed li:

*jiena rajt lil Ryan Magro fit- twenty one (21) ta' Settembru ta' din is-sena elfejn u sbatax (2017). Mill-file rajt li bazikament dan il-bniedem kien agredid bi flixkun fuq in-naha tax- xellug li laqtitu f'ghajnejh u dahal fl- ewwel (1) ta' April, dan gara bil-lejl fl-ewwel (1) ta' April u operawh l-ghada, operah kollega tieghi. Mill-operation wera li kellu zewg lacerations wahda mac-cheak hawnhekk u wahda fuq in-nahha tax-xellug ta' l-ghajn fejn kellu l-punti u kellu qasma go l-ghajn, qasma ta' xi bejn two (2) to three (3) millimeters. Kellu five (5) stitches f' parti wahda ta' l-isfera tal-parti bajda ta' l-ghajn, imbaghad kellu ohra ta' erba' (4) stitches. Nehhewlu bicca hgiega minn go l-ghajn u kienet ovjament fil-file, pero' ghad baqalu bicca*

*hgiega go l-ghajn li qieghda mwahhal fir- retina. Fil-fatt wara dan il-pazjent baghtuh ...... l-Ingliterra biex jarah specjalist ukoll hemmhekk u l-ispecjalisti hemm hekk they agreed bazikament, qablu li jhallu dik il-bicca hgiega go l-ghajn, so dik ghadha hemm ghalissa. Meta ezaminajtu jiena, ghax imbaghad fil-wiehed u ghocrin (21) ta' Settembru ezaminajtu kellu vista ta' 6/60 jigifieri kullma seta' jara hija l-ewwel ittra fuq ic-chart, kellu toqba nghidulha irido dialysis fl-ghajn fl-eye....., jigifieri jekk inti timmagina li l-ghajn qisha bhal wicc ta' clock ghandek bejn sitta (6) u disa' (9) sighat bazikament dik il-parti l-eye.... qieghda maqluha, ghandu toqba minn fejn dahlet il-hgiega. Din ukoll laqtet il-lenti, jigifieri ghanu l-bidu ta' kataretta u eventwalment din probabli li jkollha titnehha u biex tnehhiha ha tkun problema ghax insomma s-support tal- lenti ma tkunx b' sahhitha u ovjament ir- retina qieghda mwahhal pero'ghandha bicca hgiega mwahhla go r-retina. So jigifieri jiena hadt bhala damages . . .*

***Qorti:*** *Jigifieri inti d-debolizza hija permanenti?*

***Xhud:*** *Permanenti yes certament, mhux talli hekk, talli nahseb hemm cans illi jmur ghall- aghar ghax 1) irid jerga jopera ruhu biex inehhu l- punti, hemm cans li l-quddiem ikollu bzonn jaghmel katarretta u jekk din il-bicca hgiega jew tinfetta ruha r-retina tibda tingibed jew tinqala jkollu bzonn operation ohra. U hemm il-problema li din l-eye. . . fej ghandu t-toqba dik tista tikkawza glawcoma jew pressjoni gholja fl- ghajn ukoll. Jigifieri nahseb li jista jkun hemm problemi anke fil- futur.*

Ir-rapport mediku mhejji mill-espert tal-Qorti Mr. Francis Carbonaro (*a fol.* 161A *et seq.*) jghid li:

> *Mr Magro was hit in the face with a bottle in the night of 1st April 2017. Presenting to A&E that evening. He suffered a penetrating eye injury, resulting in a piece of glass foreign body entering the left eye at around 7 o'clock through the sclera. He also suffered 2 lacerations around the left eye and cheek.*
>
> *He was operated on under general anaesthesia the next day by my colleague. The eye was sutured closed and a piece of glass was removed. A second piece of glass was lodged in the inferior retina and was therefore left in situ.*
>
> *I examined Mr Magro on 21st September; his visual acuity in the left eye was 6/60 and 6/6 in the right. He also suffered a rupture of the iris between 6 and 9 clock hours, known as iridodialysis. The sutures were still visible in the sclera and these will need removal; probably with another operation in theatre. There is trauma to the lens, which will probably arise in a cataract. Dilated fundoscopy showed a glass intraocular foreign body lodged inferiorly in the retina.*
>
> *In view of the injuries sustained by Mr Magro, I fell this would result in damages of between 20-30 %.*

Illi, mill-atti processwali u minn dak mismugh mill-Qorti, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputat ta daqqa lill-parti leza u kkagunalu dizabilta' permanenti f'wahda mill-ghajnejn.

Illi, tenut kont ta' dan, il-Qorti hija konvinta li bid-daqqa moghtija mill-imputat fil-konfront tall-parti leza, il-parti leza sofra griehi gravi f'ghajnejh.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[6]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, *a priori*, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[6] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Rigwardanti l-piena, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha, apparti li tirrifletti s-serjeta' tar-reati, isservi mhux biss ta' deterrent ghall-imputat biex ma jergax jikkommetti reati simili, kif ukoll ta' deterrent ghal dawk kollha sabiex ma jintraprendux f'dawn ir-reati jew reati simili, li jistghu jkunu ta' daqstant periklu mhux biss ghalihom innifishom, izda wkoll ghal terzi innocenti.

Bħalma qalet il-Qorti d fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

> **"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

Dwar is-sottomissjoni tal-abbli avukat difensur meta kwota minn sentenza ta' Qorti ohra fl-ismijiet **Pulizija vs Eric Sciberras Balbi** tal-14 ta' Mejju 2014 dwar reat simili fejn imputat kien ikkundannat disa' (9) xhur prigunerija, l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal l-Imhallef Joe

Galea Debono fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Ludwig Cassar**[7] deciza fit-2 ta' Novembru 2006 fejn anke kieku persuna komplici inghatat piena differenti, f'dan il-kaz, ghandna incident totalment differenti mill-iehor imsemmi mid-difiza izda reat simili:

> Illi ghar-rigward tal-aggravju li l-komplici kien wehel inqas minnu, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo"** [14.11.2002] u **"The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra"** [12.6.2003], fejn gie citati b'approvazzjoni bran mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili. Hekk fil-**BLACKSTONE'S** 2001, (para. D22.47 p.1650) jinghid :-
>
> *"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgement in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal – the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive . If it was not the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would*

[7] Appell Nru. 324/06

*simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his Lordship put it, 'The Appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this Court should produce two wrong sentences. That is a submission which this Court cannot accept.' Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes [1980] 74 Crim App R 161….."*(Ara ukoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Aronne Cassar"** [28.10.2004] )

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u wara li rat Artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah piena ta' **hames (5) snin prigunerija effettiva.**

*In oltre* l-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri u tikkundanna lill-hati biex ihallas seba' mija u hamsa u erbghin ewro u erbgha u sittin centezmu (***€745.64***) [8]) u dan fi zmien tliet xhur millum.

---

[8] **DRITTIJIET ESPERTI TOTAL –** Seba' mija u hamsa u erbghin ewro u erbgha u sittin centezmu (***€745.64x***) maqsuma kif gej**:** Dr Martin Majada (*a fol*. 120) € 490.64 u Dr. Francis Carbonaro (*a fol*. 156) € 255

Fl-ahharnett, l-Qorti tordna lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex hekk kif il-hati jiskonta s-sentenza ta' prigunerija juza l-poter li ghandu u jibaghat lura lejn pajjizu lil hati skont kif jipprovdi l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**